15 ta' Frar, 1954.

Imħallfin :

le-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D., C.B.E.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Michele Tabone** *versus* **Maria Vincenza Mifsud et.**

## Ġudikat — Sentenza — Kunsens — Vjolenza — Nullità — Annullabilità — Digriet Interlokutorju — Appell — Provi — Art. 1017 tal-Kodiċi Civili.

***Biex ikun hemm il-ġudikat jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, i.e. l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawżali.***

***Għalkemm ma jistax jiġi nvokat fid-difett tar-rekwiżit ta' l-identità tad-domanda, il-ġudikat huwa valevoli biex jiddefinixxi domanda susseguenti li, għalkemm mhix identika għal dik definita bil-ġudi-***

*kw, tkun però fondata fuq l-istess "ratio petendi". U hemm ukoll lil ghall-eċċezzjoni tal-ġudikat, meta l-meritu tal-kawża, ghalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess kaġin jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm. biex jiġi invokat il-ġudikat, hemm bżonn ta' l-identità ta' l-oġġett, dik l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta. basta ikun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jidħol bhala parti integrali ta' l-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni.*

*Huwa veru li l-liġi tiddistingwi bejn il-motivi u d-dispożittivi tas-sentenza. u trid li kull dikjarazzjoni li fil-ħsieb tal-ġudikant hi deċiżiva u obligatorja ghandha tifforma parti mid-dispożitiv, b'mod li, biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tiġġustifikax l-eċċezzjoni tal-ġudikat, ghandu jiġi eżaminat d-dispożitiv ta' dik is-sentenza, u mhux il-motivazzjoni; imma hu veru ukoll li hemm ġudikat impliċitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa. Il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza, u d-dispożitiv ma ghandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat.*

*Ghaldaqstant, ghalkemm il-kawża susseġwenti jkollha oġġett differenti minn dak tal-kawża preċedenti, ma humiex ammissibili fit-tieni kawża domandi lix-xhieda li bihom tiġi mqajma kwistjoni ġà diskussa u deċiża fil-kawża ta' qabel, u tendenti biex jiddistruġġu l-ewwel ġudikat; u ghalhekk ukoll ma humiex ammissibili fit-tieni kawża domandi lix-xhieda li huma inkompatibili mal-ġudikat preċedenti u li bihom ikun irid jiġi distrutt dak il-ġudikat.*

*Kunsens meħud bi vjolenza mhux null, imma invalidu, jiġifieri ma jkunx jiswa. Konsegwentement il-vjolenza tiġġenera azzjoni ta' nullità, li in segwitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa'. Imma l-kuntratt ma jkunx ineżistenti, iżda biss annullabili. U meta l-kwistjoni hi ta' nullità, il-konvenut jista' jissolleva dik in-nullità b'eċċezzjoni; mentri meta l-kwistjoni tkun ta' annullabilità, ma tistax tinġieb 'il quddiem b'eċċezzjoni, imma b'azzjoni "ad hoc".*

*Il-pronunċjament tal-Qorti li bih tippronunzja ruħha dwar l-ammissibilità jew le ta' prova, huwa digriet interlokutorju, u mhux sentenza definitiva, avvolja dak il-pronunċjament ikun iddeċieda l-ispejjeż dwar dak il-kap; u ghalhekk huwa null l-appell li jsir minn*

*dak il-pronunċjament, jekk ma jkunx ser bil-formalità preskritta mill-liġi għall-appell mid-digrieti interlokutorji.*

Il-Qorti, — Rat il-verbal reġistrat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1952, li bih ġie ordnat lill-perit legali biex jippreżenta nota li fiha jindika l-kwistjoni rilevanti li hemm bejn il-partijiet, u li mħabba fihom huwa ma jistax iżomm seduti magħhom;

Rat in-nota tal-perit legali tal-31 ta' Ottubru 1952, preżentata quddiem dik il-Qorti, li fiha rrileva l-kwistjonijiet fuq imsemmija, jiġifieri illi fil-kors tas-seduti miżmuma quddiemu (1) l-attur, fuq konsult tad-difensur tiegħu, irrifjuta li jirrispondi għal domanda magħmula lilu mill-konvenut Carmelo Tabone, u (2) il-konvenuti ppreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri — żewġ kwistjonijiet li l-perit legali ssottometta li joħolqu, speċjalment l-aħħar waħda, "impasse" legali li jfixkel l-andament tal-proċess;

Illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 1951, quddiem il-perit legali, l-attur, waqt li kien jixhed, irrifjuta illi jirrispondi għad-domanda magħmula lilu mill-konvenut Carmelo Tabone, per mezz tad-difensur tiegħu, "jekk huwa kienx ta £500 lil Patri Raimondo tal-Kunvent tat-Tereżjani, u kienx sejjer jagħtih £1500 oħra". L-attur irrifjuta illi jirrispondi għal dik id-domanda, għaliex l-imsemmi konvenut irrileva, fuq osservazzjoni analoga tad-difensur ta' l-attur, illi, f'każ li l-attur kellu jirrispondi għal dik id-domanda affermativament, kien ikun hemm lok li huwa jwieġeb ukoll u jgħid jekk il-flus li huwa ried jagħti lil Padre Raimondo kienux flus tiegħu jew inkella kienux tal-fondi tal-beni komuni li huwa, kif jirriżulta, kien jamministra. L-attur jissottometti illi l-ammont ta' £500 fuq imsemmi jifforma parti mill-oġġett tal-kawża bejn l-istess partijiet f'din il-kawża, jiġifieri "Michele Tabone vs. Carmelo Tabone et." deċiża minn dina l-Qorti fit-2 ta' April 1940, u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ġunju 1940, imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u għalhekk il-konvenut Carmelo Tabone ma jistax jerġa' jqajjem kwistjonijiet fuqha, għaliex hemm l-ostakolu tal-ġudikat;

Illi, qabel xejn, irid jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux l-elementi tal-ġudikat kif pretiż mill-attur; għaliex, jekk inhu hekk, "è assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzioni dirette a rimettere in quistione ciò che con esso è stato deciso" (Coen, voce Cosa Giudicata, Materia Civile, para. 317);

Biex ikun hemm il-ġudikat, jeħtieġ il-konkors ta' tliet elementi, jew l-istess persuni, l-istess oġġett, u l-istess kawżali; jiġifieri, is-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni, fuq l-istess oġġett, u għall-istess kawżali ("eaedem personae, eadem res, eadem causa petendi"), bħal fil-kawża l-ġdida; jew, kif jgħid aħjar id-Dritt Ruman, "cum quaeritur haec exceptio noceat nec ne, respiciendum est an idem corpus sit, quantitas eadem, idem jus, et an eadem causa petendi et eadem conditio personarum; quae nisi omnia concurrunt, alia res est" (LL. 12, 13, 14, Dig. De Exceptione Rei Judicatae");

Illi l-ewwel element jikkonkorri, għaliex f'din il-kawża l-partijiet huma dawk l-istess tal-kawża ta' qabel, l-istess attur u l-istess konvenut, u kull wieħed fl-istess kwalità ġuridika bħal ma kien fil-kawża l-oħra;

Illi t-tieni u t-tielet element, li qegħdin jiġu meħudin flimkien, ma jidhrux proprjament li jikkonkorru, billi fl-ewwel kawża l-oġġett tat-talba ta' l-attur kienet l-awtorizzazzjoni għall-iżbank ta' xi ċedoli u libretti rappreżentanti flus, intestati f'ismu, li kienu ġew depożitati taħt l-awtorità ta' dina l-Qorti mill-konvenut Carmelo Tabone, u dan fuq il-kawżali illi dan il-konvenut kien oppona ruħu għall-iżbank, fil-waqt illi l-oġġett tat-talba ta' l-attur f'din il-kawża hija l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assijiet ereditarji tal-ġenituri tal-kontendenti, fosthom l-attur u l-imsemmi konvenut, u dan fuq il-kawżali, fost oħrajn, li huwa ma jridx jibqa' iżjed in komunjoni mal-konvenut;

Però, għalkemm ma jistax jiġi eċċepit il-ġudikat fid-difett tar-rekwiżit ta' l-identità tad-domandi, il-ġudikat huwa valevoli biex jiddefinixxi d-domanda susseġwenti, li, għalkemm ma hix identika għal dik definita bil-ġudikat, tkun fondata fuq l-istess "ratio petendi" (Vol. XXVIII—I—519);

u hemm lok ghall-eċċezzjoni tal-ġudikat ukoll meta l-meritu tal-kawża, ghalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess haġa, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (Vol. XXX—I—131); u ghalkemm, biex jista' jiġi invokat il-ġudikat, hemm bżonn l-identità ta' l-oġġett, din l-identità ma hemmx bżonn tkun assoluta; basta jkun hemm l-identità fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jidhol bhala parti integrali ta' l-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni (Vol. XXXII—II—243). Issa, fil-kawża ta' qabel, l-attur kien talab l-awtorizzazzjoni biex jiżbanka ċedoli u libretti ta' flus intestati f'ismu, li kienu ġew f'idejn il-konvenut Carmelo Tabone minn ghand ommu fi żmien meta l-attur kien marid, u li dan, meta fieq, riedhom mill-ġdid f'idejh. Il-konvenut Carmelo Tabone kien iddepożita dawk iċ-ċedoli u libretti taht l-awtorità ta' dina l-Qorti, u kien oppona li jerġa' jehodhom lura billi ppretenda li dawk iċ-ċedoli u libretti kienu qeghdin f'idejn l-attur bhala amministratur tad-ditta "Giuseppe Tabone & Figli", u ma kienux jappartjenu lill-attur f'ismu proprju;

B'sentenza tat-2 ta' April 1940 dina l-Qorti, wara li immotivat illi mill-provi kien irriżulta li l-flus rappreżentati minn dawk iċ-ċedoli u libretti kienu u baqghu ta' l-attur, ghaliex qalaghhom u faddalhom huwa stess, u li meta miet missieru dana kien halla djun u mhux flus, laqghet it-talba ta' l-attur. Dik is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ġunju 1940. Ghalkemm il-kawża tal-lum tirrigwarda l-likwidazzjoni u diviżjoni ta' l-assijiet ereditarji ġa msemmijin, hu ċar li bid-domanda fuq imsemmija, maghmula mill-konvenut Carmelo Tabone lill-attur rigwardanti dawk il-£500, l-istess konvenut qieghed jittanta jqajjem il-kwistjoni jekk dawk il-£500 kienux proprji ta' l-attur jew inkella kienu jappartjenu lil missieru jew lill-amministrazzjoni ġa msemmija — haġa li l-istess konvenut ma jistax jaghmilha, ghaliex b'dik is-sentenza t-talba ta' l-attur ġiet milqugha fuq il-konsiderazzjoni, fost ohrajn, li dawk il-flus rappreżentati miċ-ċedoli u libretti kienu kollha ta' l-attur, u li missieru ma kienx halla flus, iżda dejn; liema konsiderazzjoni kienet ġiet neċessitata minhabba analogi eċċezzjonijiet tal-konvenuti,

fosthom Carmelo Tabone. U l-konvenut ma jistax f'kawża jerġa' jiftaħ it-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni li ġa ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li ġa għaddiet f'ġudikat (Vol. XXXII—II—249);

Hu veru li l-liġi tiddistingwi bejn il-motivi u d-dispożitiv, u tfid li kull dikjarazzjoni li fil-ħsieb tal-Qorti hi deċiżiva u obligatorja għandha tifforma parti mid-dispożitiv, b'mod li, biex jiġi stabbilit jekk is-sentenza ta' qabel tissustitħkax leċċezzjoni tal-ġudikat, għandu jiġi eżaminat id-dispożitiv ta' dik is-sentenza, u mhux il-motivazzjoni tagħha (Vol. XIIX—I—1165); imma hu wkoll veru illi "il ragionamento nella motivazione di una sentenza, e la conclusione da esso tratta nel corso della stessa motivazione, quantunque tale conclusione non formi parte del dispositivo della sentenza medesima, costituiscono una decisione implicita, quante volte quella conclusione formò la base ed era necessaria per arrivare ragionevolmente al dispositivo espresso. Una tale decisione implicita ha tutta l'autorità della cosa giudicata" (Vol. XXVIII—I—740); billi hemm ġudikat implicitu meta d-deċiżjoni tkun konsegwenza neċessarja ta' dispożizzjoni espressa. Il-volontà tal-ġudikant tista' tittieħed anki mill-konsiderandi tas-sentenza; id-dispożitiv ma għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat (Vol. XXX—I—131);

Għalhekk hu ċar li bid-domanda magħmula lill-attur mill-konvenut Carmelo Tabone dan irid jiddistruġġi l-ġudikat fuq imsemmi; liema ħaġa, kif intqal, ma tistax issir, għaliex, "passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili nuove eccezioni che mirino a distruggere o restringere il giudicato; la regola 'tantum judicatum quantum disputatum' procede soltanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere ed ammettere, eccezioni nuove che col giudicato sono conciliabili" (Coen, idem para. 146);

Hu ċar li d-domanda fuq imsemmija hija inkompatibbli mal-ġudikat fuq imsemmi. "La cosa giudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal giudicato divenuto irrevocabile" (Coen, idem para. 822); u d-domanda fuq imsemmija tinsab assorbita b'dak il-ġudikat. "Per decidere che

vi sia cosa giudicata, in quanto si controverta se una seconda domanda abbia carattere di novità o piuttosto presenti identità colla 'causa petendi' già sperimentata in altra precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o nome dell'azione, ma altresì al diritto conteso, all'intento ed al fine che la parte si propone di conseguire" (Coen, idem para. 482). U l-iskop tad-domanda tal-konvenut Carmelo Tabone jidher ċar li hu dak li jerġa' jiftaħ il-kwistjoni tal-pertinenza tal-flus fuq imsemmija — kwistjoni ġa definita bis-sentenza fil-kawża l-oħra;

Illi għalhekk għad-domanda fuq imsemmija, magħmula mill-konvenut Carmelo Tabone hill-attur, hemm l-ostakolu tal-ġudikat li ssemma aktar 'il fuq;

U kkunsidrat, dwar it-tieni kwistjoni;

Illi fl-24 ta' Ġunju 1952, il-konvenut Carmelo Tabone ppreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, li biha ssottomet a illi l-kuntratt tat-twellija fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri bejn l-attur Michele Tabone u ommu, li hija anki omm tal-kontendenti l-oħra, fil-5 ta' Mejju 1947, hu null u mingħajr ebda effett u valur legali, peress li Rosina Tabone, fl-età li kellha waqt il-kuntratt, ċjoè 92 sena, ma setgħetx tifhem l-importanza u l-portata tal-kuntratt, u ma kienetx *libera fil-kunsens*, u l-kuntratt sar fl-assenza ta' l-interessati l-oħra, u kunsidrat anki l-fatt li l-imsemmija Rosina Tabone kienet kważi analfabeta, u l-att sar taħt vjolenza morali; u dan in bażi ta' l-artikolu 1270 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-bażi ta' din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Carmelo Tabone hija, kif jidher, in-nullità ta' l-att fuq imsemmi għar-raġuni li l-kunsens ta' Rosina Tabone ġie mogħti għaliex taħt vjolenza morali. Skond il-liġi, jekk il-kunsens ikun *ġie mehud bi vjolenza, ma jkunx null, imma jkun invalidu*. jiġifieri ma jkunx jiswa (art. 1017 Kodiċi Ċivili). Għalhekk, f'każ ta' vizji tal-kunsens f'att minħabba vjolenza, l-att ikun invalidu, imma mhux ukoll null; u dan għaliex, kif tgħallem id-dottrina ġuridika, il-vjolenza tivvizja l-kunsens, u konsegwentement il-kuntratt li tagħhu hu l-bażi; konsegwentement il-vjolenza tiġġenera azzjoni ta' nullità li in segwitu għaliha l-kuntratt għandu jaqa'. Imma l-kuntratt ma jkunx ineżis-

tenti, imma jkun biss annullabili, ghaliex il-vjolenza ma timpedix lill-kunsens li jeżisti u lill-kuntratt li jsir (Baudry-Lacantinerie, *Delle Obblig. Vol. I, para.* 98; *Giorg., Obblig.* Vol. IV, para. 75 et seq.; Laurent, Diritto Civile, Vol. XV, para. 511 et seq.). U hu biżżejjed maghruf fil-gurisprudenza tal-Qrati Taghna illi, meta l-kwistjoni hi dik ta' nullità, il-konvenut f'kawża jista' jaghtiha b'eċċezzjoni; imma jekk hi wahda ta' annullabilità, ma tistax tingieb 'il quddiem hlief b'azzjoni "ad hoc" (Vol. XXVI—III—642; XXXIX—III—180; XXXIX—I—452);

Illi ghalhekk l-invalidità ta' dak l-att fuq imsemmi, pretiża mill-konvenut *Carmelo Tabone*, ma tistax tingieb 'l quddiem b'eċċezzjoni f'din il-kawża, imma b'azzjoni ghaliha f'gudizzju separat;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Carmelo Tabone fol. 177, fejn iddikjara li qed jinterponi appell miż-żewġ kapi tad-deċiżjoni fuq imsemmija, u l-petizzjoni tieghu fol. 178, li biha appella, iżda (b'modifikazzjoni tal-kontenut tan-nota) limitatament ghall-ewwel kap biss tad-deċiżjoni, u talab ir-revoka, bl-ispejjeż, ta' dak il-kap, u li jiġi deċiż li d-domanda maghmula mill-appellant lill-attur ghandha tiġi *permessa*;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Dwar il-pont sollevat fid-dibattitu, jekk id-deċiżjoni appellata hijiex digriet interlokutorju u mhux sentenza, u ghalhekk appellabili m'hux b'petizzjoni, iżda b'rikors fi żmien jumejn (art. 227 Kap. 15);

Ghas-soluzzjoni ta' dan il-pont ghandha tiġi eżaminata biss l-ewwel parti tad-deċiżjoni, ghaliex, kif inghad, dik biss giet appellata;

L-Ewwel Qorti fid-dispożitiv qalet hekk:— "Dwar l-ewwel kwistjoni tiddikjara illi l-attur mhux tenut jirrispondi ghad-domanda fuq imsemmija, rivolta lilu mill-konvenut Carmelo Tabone, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut";

Ghandu jiġi osservat li malament l-appellant, fit-talba konklużjonali tal-petizzjoni, u anki fil-korp tan-nota tar-rilievi tieghu, jassumi li bid-deċiżjoni fuq imsemmija giet definita eċċezzjoni ta' "res judicata". Id-dispożitiv hu biss fis-

sens li d-domanda, li med jaghmel il-konvenut lill-attur, ma hijiex ammissibili. Il-pont tar-"res judicata" kien ir-"raguni" tad-deċiżjoni, esposta din ir-raġuni fil-kors tal-motivazzjoni; iżda xejn ma hemm fid-dispożitiv dwar deċiżjoni fuq daqshekk. Għalhekk, għall-finijiet ta' din il-kwistjoni ritwali, id-deċiżjoni għandha titqies, kif fil-fatt hi, bħala deċiżjoni biss li domanda li kollitigant med jagħmel fil-kors tal-kontroeżami ta' kollitigant ieħor, ma ġietx permessa mill-Qorti. Mill-eżami tal-parti fuq imsemmija tad-deċiżjoni jidher li l-Ewwel Qorti ddeċediet anki fuq l-ispejjeż ta' dak il-kap. Dan, però, ma jirriżolvix il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni hijiex digriet interlokutorju jew sentenza; għaliex mentri, kieku ġew "riżervati" l-ispejjeż, dan kien ikun argument infranġibili li d-deċiżjoni hi digriet, peress li f'każ ta' sentenza, b'liġi, l-ispejjeż għandhom jigu deċiżi (221 (1) Kap. 15), il-kuntrarju ma hux veru, għaliex f'każ ta' digriet il-Qorti tista' taqta' jew tirriżerva l-ispejjeż (idem (2)). Ara f'dan is-sens ukoll sent. App. "Tabone vs. Borg Olivier", 29. 4. 25, XXVI—I—115, 119; App. Kumm 27. 6. 52 "Catarame vs. Ellul";

Hu ċert li d-deċiżjoni, fil-parti appellata, tirrifletti biss l-ammissibilità ta' prova, u xejn aktar. Il-fatt li, biex waslet għar-rigett tad-domanda, l-Ewwel Qorti daħlet fil-pont tar-"res judicata" ma jbiddelx ix-xorta tad-deċiżjoni, li hi purament ta' indoli istruttorja. Din il-Qorti qatgħet każ analogu in re "Zammit vs. Debattista" 11. 3. 1932 (Vol. XXVIII—I—266); u qalet hekk (pp. 268-269) :— "........... la decisione riflettente l'ammissibilità di prove in genere e di certe prove in ispecie non può costituire che un decreto interlocutorio, perchè è pur sempre un'ordinanza della Corte riguardante l'istruttoria del giudizio. Certamente il merito potrebbe essere eventualmente compromesso dal rigetto delle prove in genere, o di una prova particolare; ma ciò non può mai significare di costituire tale pronunciamento una sentenza, quando il merito non è per nulla deciso.......... Che nel caso in ispecie la prima Corte decise unicamente essere inammissibile la prova orale, senza avere profferito alcun pronunciamento sul merito; per cui tale decisione non può considerarsi, almeno secondo la patria legge, una sentenza, molto

più che la *Prima* Corte non è vincolata dalla detta decisione, ma può durante le more del giudizio revocarla 'contrario imperio'. Nè si può trarre alcun argomento dal fatto che le spese relative si vedono decise, poichè giusta l'articolo 249 del Codice Procedurale, è nella facoltà della Corte nei decreti interlocutori di riservare le spese alla sentenza definitiva ovvero di condannare il soccombente alle medesime";

*Hu ċert* ukoll li bl-ebda mod ma jista' jingħad li d-deċiżjoni "de qua", fil-parti appellata, "terminat negotium de quo agitur", kif kienet tkun deċiżjoni li tistatwixxi definitivament fuq il-meritu, jew tillibera "ab observantia"; mentri hu karattru tas-sentenza definitiva li "terminat negotium de quo agitur" (Vol. XXXIII—I—624, u oħrajn hemm ċitati: Appell Civili 19. 6. 50, "Cachia *Zammit* vs. Ċhetcuti");

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet l-appellant donnu jrid isostni li d-deċiżjoni hi sentenza, għaliex ippreġudikat in parti *l-meritu*. Issa, din l-obbjezzjoni ma tiswiex, għaliex id-dottrina, aċċettata mill-ġurisprudenza tagħna (ara sent. ċit. "Tabone vs. *Borg* Olivier"), tiddistingwi erba' xorta ta' digrieti interlokutorji, u fosthom "le interlocutorie 'stricto sensu', o propriamente dette, e sono quelle che, sebbene non risolvono definitivamente la quistione di merito, pure la possono pregiudicare in qualche parte; tali sono quelle che ammettono o respingono una prova contrastata tra le parti, dacchè il giudice, nel risolvere l'incidente, deve esaminare il merito *della quistione principale, ed il suo pronunciato*, sia che ammetta, sia che respinga la prova, eserciterà necessariamente una *influenza* sulla quistione principale". Dan apparti l-fatt li fil-każ preżenti, kif ingħad, il-punt tar-"res judicata" hu biss fil-motivazzjoni bħala raġuni għar-rejezzjoni ta' dik id-domanda li ried jagħmel il-konvenut, u mhux fid-dispożittiv; u "in ogni caso" jirrigwarda biss il-kwistjoni ta' dik id-domanda, u mhux kull ħaġa oħra li ma kienetx għad-deċiżjoni;

Għalhekk tiddeċidi illi l-parti tad-deċiżjoni fuq imsemmija li *ġiet* appellata mill-*konvenut* hija *digriet interlokutorju*; u kwindi tiddikjara null l-appell interpost bin-nota u l-*petizzjoni*; *bl-ispejjeż* kontra l-appellant;

Tirrimetti l-attijiet lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

---